MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 1/2004

It-Tabib Mediku Dottor George Teddie Farrugia bhala esekutur Testamentarju ta’ wirt ta’ Maria Buttigieg .

vs

Michelle Vella, u ghal kwalunkwe interess li jista’ jkollu Michael Buttigieg u b’degriet tat-18 ta’ Marzu, 2004 il-kunjom “Buttigieg” irid jigi jaqra “Camilleri” .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu l-attur nomine talab lill-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandhomx jigu kkundannati minn din il-Qorti sabiex jizgombraw mill-fond numru 71, maghruf ukoll bhala hanut ta’ barbir, triq Ghajnsielem, drabi ohra maghrufa bhala pjazza Knisja l-Qadima, peress li qeghda tokkupa l-istess fond minghajr titotlu validu fil-ligi .

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew illi :

Illi fl-ewwel lok, jehtieg illi kunjom il-konvenut jigi korregut billi effettivament il-konvenut ‘Michael Buttigieg’ ma jezistix imma jezisti biss Michael Camilleri ;

Illi in linea preliminari, hemm lok ghal liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju in vista tal-fatt illi l-fond meritu ta’ din il-kawza gia jifforma oggett ta’ kawza ohra pendenti quddiem din l-istess Qorti bejn il-partijiet fil-kawza odjerna u partijiet ohra – Avviz Nru. 23/98 fl-ismijiet ‘CAMILLERI MICHAEL vs FARRUGIA GPE MONS. KAN’ illi tinsab differita ghall-20 ta’ frar, 2004 .

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt ghaliex qabel xejn l-attur irid igib il-prova illi l-fond oggett ta’ din il-kawza kien verament proprjeta’ ta’ Maria Buttigieg; u jrid jipprova l-interess guridiku tieghu sabiex jagixxi in rapprezentanza tal-eredita’ taghha .

Finalment, dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt ghaliex l-esponenti qeghdin jokkupaw il-fond de quo b’titolu validu fil-ligi, kif sejjer jigi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat il-verbal taghha tal-18 ta' Mejju 2004 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari tal-*lis alibi pendens* .

Rat id-digriet taghha ta' l-istess gurnata fejn ordnat l-allegazzjoni tal-kawza quddiem din il-Qorti wkoll fl-ismijiet "Michael Camilleri vs Mons. Giuseppi Farrugia et." (Avviz Nru. 23/1998) .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' l-ewwel eccezzjoni preliminari taghhom il-konvenuti qeghdin jeccepixxu l-*litis pendentia* . Dwar eccezzjoni bhal din gie mfisser illi : "***La litis pendenza si verifica quando due azioni identiche sono proposte davanti a giudici diversi . E' necessraio quindi che lo stesso diritto sia fatto valere in giudizio, tra le stesse parti, innanzia due giudici diversi (identita' di soggetti, petitum, causa petendi) . Quando vengono proposte contemporaneamente due azioni identiche, il legislatore impone di eliminare uno dei due prcesi sulla stessa controversia, per evitare uno spreci di attivita' processuale e sopratutto il pericolo di un contrasto di giudicati***." [1]

Gie spjegat mill-Qrati taghna f'dan ir-rigward illi :

"*The plea is somewhat parallel with the plea of* ***'exceptio rei judicatae'*** *. Just as a suit cannot be decided upon more than once, so also there cannot be at the same time more than one judicial relation between the same persons on the same merit, because this would imply a plurality of decisions on the same issue . The effect of the plea of* ***'litis pendentia'*** *in the words of Sevtion 792 of the Code of Organization and Civil Procedure is that the Court before which the second action is brought may order the suit to be remitted to the first Court . In fact, doctrine and caselaw in the matter are to the effect that it is in fact mandatory for the Court to declare its own incompetence* ***'ex officio'*** *if such plea is founded, in spite of the use of the word 'may' in the said section quoted herein ;*

*The essential conditions for this plea is the identity of the two actions which resulted from the identity of all the elements thereof, i.e. the parties, the subject-matter and the cause of the demand*."[2]

---

[1] Diritto Processuale Civile:Edizioni Giuridiche Simone - 2000 pag .43 – 44 .

[2] Qorti tal-Kummerc : Anatoli Reznikov et. vs Nikolai A. Kotivov pro et noe : 24.3.1994 kollez. Vol. LXXVIII pt. IV p. 174 .

Fil-kaz taghna qed jigi allegat illi dwar l-istess mertu gia kien hemm pendenti l-kawza fuq imsemmija, li taghha gew allegati l-atti . Minn ezami taz-zewg kawzi, jirrizulta illi :

(i) is-suggett (***res***) huwa l-istess ghax jittratta l-fond bin-numru wiehed u sebghin (71) Triq Ghajnsielem, drabi ohra maghrufa ukoll bhala l-Pjazza tal-Knisja l-Qadima, Ghajnsielem, Ghawdex ;
(ii) ir-ragunijiet illi fuqhom huma bbazati l-kawzi u t-talbiet (***causa***), ghalkemm huwa simili, mhumiex proprju identici, ghaliex filwaqt illi fil-kawza prezenti qed jintalab l-izgumbrament ghax allegatament l-okkupanti qed jipposjedu l-fond in kwistjoni minghajr titolu, fil-kawza l-ohra qed tintalab konferma illi l-attur huwa l-attwali inkwilin ta' l-istess fond ;
(iii) il-partijiet involuti (***personae***), ghalkemm uhud minnhom huma komuni fiz-zewg kawza, mhumiex pero' identici, ghax fejn f'din il-kawza ghandna bhala attur lill-esekutur testamentarju tal-proprjetarja, fil-kawza l-ohra l-Monsinjur Farrugia kien qed jidher "ghall-eredi",[3] minghjar qatt ma gie indikat jekk din l-eredi kienitx l-istess Maria Buttigieg li tissemma fil-kawza prezenti; hekk ukoll il-konvenuti f'din il-kawza huma Michelle Vella u missierha Michael Camilleri, filwaqt illi fil-kawza l-ohra Michael Camilleri huwa attur, u l-konvenuti kienu missieru Anthony Camilleri u l-imsemmi Monsinjur Farrugia .

F'tali cirkostanzi huwa ovvju illi hawnhekk m'ghandniex l-elementi ta' identita' ta' suggett, persuni u kawza imsemmija mil-ligi sabiex jista' jinghad illi ghandna l-*lis alibi pendens* u ghalhekk din l-eccezzjoni tal-konvenuti qed tigi michuda . Madankollu minhabba n-natura taz-zewg kawzi, tordna illi dawn ghandhom jinstemghu flimkien .

L-ispejjez jibqghu riservati ghas-sentenza finali .

---

[3] ara kopji ta' l-ircevuti tal-kera rilaxxjati minnu a fol. 33, 34 tal-kawza : avv. 23/98 .

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------